# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 20**

**Rikors numru 180/11/1 MCH**

**David Debono u Andrew Debono f'isimhom proprio kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetajiet D. Holding and Investments Limited u D. Shipping Operators Limited**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors li ressqu l-atturi fit-22 ta' Frar, 2011, li jaqra hekk:

> "Illi l-esponenti huma s-sidien u l-operaturi tal-bastiment tas-sajd 'Rosnik' bin-numru ta' registrazzjoni ufficjali MFA 6017.
>
> Illi nhar il-11 ta' Jannar 2011, l-intimat Kontrollur tad-Dwana ordna investigazzjoni dwar il-bastiment suriferit u dan a bazi ta' allegazzjoni generika illi l-imsemmi bastiment trakka u/jew ma' bastiment iehor fl-ibhra territorjali, liema allegazzjoni hija bla bazi fattwali u skoretta [u dan minkejja illi fi kwalunkwe kaz din l-allegazzjoni ma' tikkostitwixxi ghall-ebda illegalita].

Illi b'effett mid-data suriferita u cioe' l-11 ta' Jannar 2011, l-intimat ta' struzzjonijiet sabiex il-bastiment tal-esponenti ma' jinghatax awtorizazzjoni sabiex jithalla johrog mill-port ghax-xoghol ta' sajd u dan minkejja li ma' kienet irrizultat ebda irregolarita jew attivita illegali li setghat b'xi mod tiggustifika tali mizura.

Illi ghalkemm l-investigazzjoni kienet giet konkluza [inkluza dik tal-Pulizija Ezekuttiva li pero giet konkluza wara dik amministrattiva], u minkejja illi mill-istess investigazzjoni ma rrizulta ebda agir illegali jew irregolari, l-intimat Kontrollur tad-Dwana xorta baqa ma' rtirax l-ordni tieghu sabiex il-bastiment tal-esponenti ma' jinghatax awtorizazzjoni sabiex jithalla johrog mill-port ghax-xoghol tas-sajd.

Illi kien ghalhekk illi b'ittra legali datata 14 ta' Jannar 2011 u sussegwetement bi protest gudizzjarju datat 25 ta' Jannar 2011, l-esponenti, filwaqt li poggew lill-intimat in dolo, culpa et mora ghad-danni kollha lilhom ikkagunati, formalment interpellaw lill-intimat sabiex b'effett immedjat jaghti l-ordnijiet kollha opportuni sabiex il-bastiment tal-esponent jithalla jbahhar ghas-sajd. [Dok.A u Dok.B anessi].

Illi nhar il-31 ta' Jannar 2011 l-intimat Kontrollur tad-Dwana hareg zewg noti ta' qbid bin-numru 16/2011 u 17/2010 1fil-konfront tal-esponenti propio et nominee li bihom gew maqbuda 108,000 litru gasoil [fuel dan li kien jinsab gewwa t-tankijiet tal-bastiment tal-esponenti] u l-bastiment MFV Rosnik – Offcial Number 12184 u dan minhabba ksur tal-Artikoli 16 u 17 tal-Att dwar id-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta] u l-Artikoli 16 u 17 tal-Att dwar id-Dazju u s-Sisa Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta [Ara Dok. C u Dok. D annessi].

Illi permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 8 ta' Frar 2011, l-esponenti propio et nominee intimaw lill-intimat illi huma kienu qedghin jikkontestaw iz-zewg noti ta' qbid imsemmija [Ara DOK.E u DOK. F annessi] u dan stante illi kif gja kien irrizulta u ingieb a konjizzjoni tal-intimat u kif anki ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors, l-esponenti f'ebda waqt ma' kkommettew xi agir illegali jew addirittura irregolari u ghalhekk bhal ma' kien hemm ghal kollox nieqsa kull raguni wahda valida l' ghaliex l-istess bastiment u l-fuel li kellu abbord ghandhom ikunu suggetti ghal dan il-qbid jew ghall-konfiska a tenur tal-Kap.37 u Kap.382 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk l-esponenti jilmentaw illi z-zewg noti ta' qbid gew mahruga illegalment b' mod ulta vires kontra taghhom u li b' effett ta' l-istess qed jigu kkagunati danni enormi lilhom konsistenti f'telf ta' xoghol ta' sajd stmat in eccess ta' erbat elef Ewro kuljum u oltre imghax bankarju fuq il-kapital investit fil-bastiment innifsu, liema kapital huwa oltra miljun Ewro.

Ghaldaqstant l-esponenti propio et nomine qeghdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tal-Artikolu 27 u 28 tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara illi l-oggetti maqbuda mill-intimat bin-noti ta' qbid numru 16/2011 u 17/2010, m'humiex soggetti ghall-qbid u /jew ghall-konfiska u konsegwentement tordna lill-istess intimate sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu moghti huwa jirrilaxxa l-istess oggetti favur l-esponenti u dan taht il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni."

2. Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza tagħha eċċepixxa illi:

" Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal-xulxin:

(1) Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:

(i) Illi permezz tan-noti ta' qbid numru 16/2011 u 17/2011 it-tnejn datati 12 ta' Jannar 2011, l-esponent qabad il-lanca MFV Rosnik bin-numru ufficcjali 12184 fit-31 ta' Jannar 2011 flimkien ma' ammont sostanzjali ta' gasoil u cioe 108,000 litru li kien mizmum fit-tankijiet ta' l-istess lanca. Irrizulta li mir-rizultati analitici il-gasoil in kwistjoni huwa duty free u ghalhekk ma kienx thallas id-dazju u l-Vat relattiv li huwa dovut mir-rikorrenti. Illi jirrizulta li l-imsemmija lanca kienet fil-pussess tar-rikorrenti li b'dan il-fatt kisru l-provvedimenti tal-Kap 37 (l-Ordinanza tad-Dwana) u tal-Kap 382 (l-Att dwar Dazju tas-Sisa) tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Illi fit-12 ta' Jannar 2011, ir-rikorrent David Debono ghamel dikjarazzjoni ta' ammissjoni lill-ufficcjali tad-Dwana li huwa kien jixtri l-gasoil ghal-lancja bl-iktar prezz favorevoli ghalih u irregolarment minn lanci ohra tas-sajd. Dawn certament mhumiex awtorizzati li jbieghu jew jitrasferixxu tali gasoil lill-lanec ohrajn stante li dak il-gasoil ikun ghall-uzu esklusiv taghhom ghax fi kliemu stess « this is one of the only ways that can make fishing viable>u zied ukoll li «I had to collect money for several fish consignments and machinery that I gave to a vessel owner in Malta and he gave me some of what he owned me in fuel». Illi huwa car li dan it-tip ta' tpartit huwa bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 382 li jirregola d-dazju tas-Sisa fuq il-gasoil stante li sabiex persuna ikun intitolat li jkun fil-pussess ta' gasoil li fuqu ma thallas dazju ta' Sisa jehtieg li jgib l-awtorizzazzjoni mehtiega mid-Dipartiment tad-Dwana u jidhol f' dak li jissejjah suspension arrangement ma' l-istess Dipartiment ;

(iii) Illi meta marru l-Ispettur u l-ufficcjali tad-Dwana fil-presenza tar-rikorrenti stess, ittiehdu kampjuni li gew debitament analizzati mill-Analista esperta fil-materja tad-Dwana Bernardette Mallia u sussegwentement minn esperti tal-kumpannija analitika Saybolt.

(iv) Illi mill-imsemmija rizultati analitici tal-gasoil irrizulta li l-kampjuni ta' gasoil mehuda minn fuq l-lanca MFV Rosnik li hi proprjeta tar-rikorrenti, irrizultaw posittivi kemm ghal marker fiskali solvent yellow 124 u ghalhekk dan ifisser li l-gasoil in kwistjoni ma thallasx dazju ta' sisa u VAT fuqu.

(v) Illi ghalhekk l-ufficjali tad-Dwana ipprocedew bin-noti ta' qbid numru 16/2011 u 17/2011 rispettivament u dan ai termini tal-artikolu 27 tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382).

(vi) Illi sussegwentement il-Pulizija intavolaw proceduri kriminali kontra r-rikorrenti li ghadhom pendenti.

(2) Illi fir-rigward tar-raba' premessa tar-rikorrent, l-esponent jixtieq jiccara li filwaqt li huwa mexa ai termini tal-Kap. 37 u tal-Kap. 382, mhux minnu li "... ghalkemm l-investigazzjoni kienet giet konkluza [inkluza dik tal-Pulizija Ezekuttiva li pero giet konkluza wara dik amministrattiva], u minkejjja illi mill-istess investigazzjoni ma irrizulta ebda agir illegali jew irregolari, ...". A kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat, il-Pulizija fuq talba tal-esponent, mexxew kontra r-rikorrenti u akkuzawhom bi ksur tal-artikoli 60(a)(b)(c)(d)(e)(h)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kap. 37 u kif ukoll tal-artikoli 16(1)j)(n) u 17(1)(a)(b)(d), (2)(3) tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta liema proceduri ghadhom pendenti.

(3) Illi fir-rigward tat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur, l-esponent jirribatti li l-fatt biss li r-rikorrenti kienu fil-pussess ta' gasoil li irrizulta mit-testijiet analitici li kellu fiscal marker f'percentaggi li juru li tali gasoil huwa intiz unikament ghal minn hu awtorizzat mid-Dipartiment tad-Dwana sabiex jutilizza dan il-gasoil duty free. Illi ghalhekk dan sar bi ksur tal-artikoli 60 u 62 tal-Kap. 37 u l-artikoli 16 u 17 tal-Kap. 382.

(4) Illi ghar-ragunijiet fuq esposti jirrizulta li l-esponent dejjem ottempera ruhu mal-ligi u l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li l-esponent hareg iz-zewg noti ta' qbid "illegalment b'mod ultra vires" certament ma jregux. Inoltre, l-esponent jirribatti li ma jistax jigi mizmum responsabbli ghal xi allegati danni li r-rikorrenti allegatament qed isofru kagun tal-agir illegali taghhom stess u dan anke kif jipprovdi l-artikolu 17(4) tal-Kap. 382.

(5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob IiI din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2017, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża:

> “billi filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, fir-rigward tan-noti ta’ qbid bin-numri 17/2010 u 16/2011. Tordna li l-ispejjeż kollha ta’ din il-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrenti in solidum bejniethom.”

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> “Illi l-kawza in ezami titratta talba da parti tar-rikorrenti a tenur tal-artikoli 72 *et seq.* tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta (Ordinanza tad-Dwana) u tal-artikoli 27 u 28 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar id-Dazju tas-Sisa), sabiex din il-Qorti tordna r-rilaxx tal-lanca bl-isem “Rosnik”, kif ukoll 108,000 litru *gas oil*, maqbuda mill-intimat bis-sahha tan-noti ta’ qbid li jgibu referenza 16/2011 (Dok. KD2 fol. 28 tal-process), u 17/2010 (Dok. KD3 fol. 29 tal-process) rispettivament.
>
> Mill-provi in atti jirrizulta illi r-rikorrenti David u Andrew Debono huma d-diretturi taz-zewg socjetajiet rikorrenti l-ohra: Is-socjeta D Holding and Investments Limited hija sid id-dghajsa deskritta bhala *fishing trawler*, filwaqt li s-socjeta D Shipping Operators topera d-dghajsa. Din id-dghajsa ddahhlet Malta ghall-ahhar tas-sena 2009, izda bdiet topera f’Marzu tas-sena 2010 peress li kellhom isiru xi tiswijiet fuqha. L-uniku darba li sid id-dghajsa ghamel talba mad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd, sabiex jinghata allokazzjoni ghal fuel sdazjat, kien fid-19 ta’ Mejju, 2010. Intalbet allokazzjoni ta’ 50,000 litru u fl-20 ta’ Mejju, 2010, giet approvata favur ir-rikorrenti, allokazzjoni ta’ 30,000 litru (a fol. 99 tal-process). Il-kwota allokata lid-dghajsa tas-sajd tinhadem sena b’sena u kull sena ammont globali jigi allokat lilha, izda is-sid mhux prekluz li jekk jikkonsma aktar mill-volum allokat lilu, li jerga jitlob ghal allokazzjoni ohra (xhieda ta’ Marixei Callus Dok. AD2 a fol. 93 tal-process).
>
> Fil-11 ta’ Jannar, 2011, il-lanca Rosnik talbet permess lill-Vessel Traffic Services (VTS) ma’ Trasport Malta, sabiex taghmel *sea trial* peress li jinghad li kellhom xi problema teknika, fl-*auto pilot,* liema permess inghata. Madankollu, f’hin minnhom, il-lanca Rosnik, kontra r-regolamenti, dahlet f’bunker area 4 (zewg mili nawtici boghod mill-ponta ta’ Delimara) li kienet riservata ghal bunkering u dan minghajr permess u resqet fil-vicinanzi ta’ vapur bunker bl-isem *Paradise Bay* u baqghet hemm ghal ftit anqas minn siegha. Dan il-fatt qanqal suspett fl-awtoritajiet kkoncernati, peress li kellhom informazzjoni li s-sidien tar-Rosnik kienu nvoluti fil-kuntrabandu tal-*gasoil.*
>
> Dakinhar saret tfittxija fuq il-lanca Rosnik da parti tal-ufficcjali tad-dwana u tal-pulizija fejn ma rrizulta xejn. Andrew Debono li kien abbord cahad li l-lanca taghhom trakkat mat-tanker *Paradise Bay* u li gew trasferiti xi *diesel* jew *gas oil* minn fuq il-*Paradise Bay.* Il-kaptan tal-lanca ddikjara li kellu l-ammont ta’ 108,000 litru *gas oil* fit-tankijiet

tal-lanca. L-ghada, 12 ta' Jannar, 2011, ufficjali tad-dwana kkonfermaw li kien hemm dawn il-kwantitajiet u hadu l-kampjuni tal-*gas oil* mil-lanca tas-sajd Rosnik. Il-kaptan u sid il-lanca ma pprezentaw ebda rcevuta ta' minn fejn kien inxtara l-*gas oil*[1]. Min-naha tar-rikorrent David Debono, saret dikjarazzjoni li meta jkollu l-opportunita, huwa kien jixtri fuel bi prezzijiet favorevoli jew bl-irhis minn fuq il-bahar, 25 mil nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Malta minn fuq lanec ohra tas-sajd, u gieli thallas ghal konsenji ta' hut li jkun ghamel, billi jinghata fuel.

Il-kampjuni tal-*gas oil* li ttiehdu minn fuq il-lanca Rosnik, irrizultaw li kien fihom l-*fiscal marker Solvent Yellow 124,* li d-Dwana tuza sabiex tindika li l-prodott huwa sdazjat. Dan fil-fehma tad-Dwana ifisser li d-diesel huwa tal-kuntrabandu u li t-taxxa tas-Sisa u l-VAT ma kenux ghalhekk thallsu fuq l-ammont ta' 108,000 litru *gas oil* li kien jinsab abbord il-lanca Rosnik. Inoltre mill-kampjuni li ttiehdu mil-lanca Rosnik u mit-tanker *Paradise Bay,* wara verifiki li saru mill-analista tad-Dwana, rrizulta li t-tnejn kellhom zewg *markers* fiskali, wiehed *solvent yellow 124*, li hu l-*euro marker* u l-iehor huwa dak nazzjonali (ara x-xhieda ta' Bernardette Mallia, esebita bhala Dok. AD12 a fol. 51 u 152 tal-process), li jfisser li ma thallasx dazju ta' Sisa u VAT fuqu. Hekk ukoll minn analisti ndipendenti tad-ditta Saybolt (ara x-xhieda ta' David Gauci esebita bhala Dok. AD 13 a fol. 168 *et seq.* tal-process fejn spjega li sar ezami komparattiv bejn il-kampjuni li wasal ghall-konkluzjoni li dawn setghu kienu mill-istess sors), dawn il-kampjuni, kienu fil-parti l-kbira jaqblu.

Dan wassal sabiex l-ufficjali tad-Dwana hargu nota ta' qbid 16/2011 fil-konfront tal-lanca Rosnik minhabba ksur tal-artikolu 17(2) tal-Kap. 382, jigifieri li l-lanca ntuzat ghall-importazzjoni, zbark, twarrib, zamma, habi jew garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx thallas, li jwassal ghall-konfiska tal-istess lanca. Filwaqt li n-nota ta' qbid 17/2010 harget fuq l-ammont ta' 108,000 litru *gas oil,* dan minhabba ksur tal-istess provvediment appena msemmi, flimkien ma' dak taht is-subinciz (1)(a)(b) u (d) peress li l-oggett dazjabbli, f'dan il-kaz *gas oil*, ma thallasx dazju fuqu bi frodi kontra l-Gvern u meta ddahhal Malta saret evazjoni jew attentat ta' evazjoni mill-hlas tad-dazju tas-Sisa. L-istess nota nharget ukoll a bazi tal-artikolu 60(a), (c), (d), (e), (h) u (k) tal-Kap. 37 li jitrattaw il-konfiska ta' oggetti ta' kuntrabandu kif ukoll l-artikolu 62(a), (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i), (k) tal-Kap. 37 li jitratta r-reati u l-pieni. Ittiehdu l-passi sabiex jitressqu Andrew Debono li kien jinsab abbord ir-Rosnik (il-kaptan Egizzjan mar lura pajjizu), kif ukoll kontra l-kaptan ta' *Paradise Bay* permezz ta' proceduri kriminali, li sa fejn jirrizulta, ghadhom pendenti. Sid il-lanca jghid li llum il-gurnata l-lanca Rosnik tinsab rilaxxata fuq ordni tal-Magistrat tal-kawza kriminali, kontra garanzija fenominali (dan jirrizulta mix-xhieda ta' David Debono

[1] L-unici zewg fatturi esebiti in atti bhala Dok. MG1 u Dok MG2 a fol. 123 u 124 tal-process, ta' xiri ta' fuel da parti tar-rikorrenti jmorru lura ghal Awwissu u Settembru tas-sena 2010, u ghalhekk kunsidrat it-trapass taz-zmien, mhuiex ritenuti rilevanti ghall-mertu in ezami.

waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru, 2011, a fol. 52 tal-process, izda ma hemm ebda prova ohra f'dan ir-rigward).

Din il-Qorti rat ir-rapport tal-perit legali li permezz tieghu, wara li kkonsidra l-provi prodotti, kkonkluda li fil-fehma tieghu, l-Qorti ghandha tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara li l-oggetti maqbuda mill-intimat m'humiex soggetti ghall-qbid u/jew ghall-konfiska u konsegwentement l-oggetti maqbuda ghandhom jigu rilaxxati. Il-perit legali wasal ghal din il-konkluzjoni a bazi tar-relazzjoni tal-perit tekniku li wara li evalwa fid-dettal il-provi teknici, inkluz il-fuel in kwistjoni, id-distanzi bejn il-bastimenti in kwistjoni, u l-hin li l-bastimenti kienu qrib xulxin matul il-lejl bejn il-11 u t-12 ta' Jannar, 2011, minkejja l-prossimita taghhom ghal madwar 56 minuta, id-distanza effettiva ma setghetx tigi affermata in kwantu setghet kienet ta' diversi metri. Konsegwentement ma setghax jinghad li l-bastimenti kienu biswit xulxin, kif mehtieg sabiex isehh il-*bunkering.* L-espert tekniku qies ukoll li l-hin li z-zewg bastimenti kienu qrib xulxin ma kienx sufficjenti sabiex isehh il-*bunkering* allegat. Hekk ukoll irrileva li mir-*recordings* tal-*Vessel Traffic Services* (VTS) kemm damu hdejn xulxin, ma rrizultat ebda komunikazzjoni lejn il-bastimenti in kwistjoni, kif lanqas ma rrizultat it-twissija lil-lanca Rosnik hekk kif din ghaddiet mill-Bunker Area 4.

Inoltre, l-espert tekniku jsostni li, mill-analizi kimika ghall-karatteristici tal-kampjuni provduti, kif ukoll dik tal-markers, jirrizulta li ghalkemm gejjin mill-istess provvista tal-prodott, izda mhux necessarjament tindika li dawn kienu t-tnejn gejjin mill-istess tank tal-*Paradise Bay.* Dana jinghad minnu peress li l-fornitura lokali tghaddi mill-istess sors, cioè mill-istess tank gestit mill-Enemalta. Mill-provi prodotti lanqas ma rrizultat xi diskrepanza fl-ammont ta' *gas oil* li kien hemm fuq il-bastiment *Paradise Bay* jew moviment ta' 108,000 litru kif allegat mill-intimat. Fuq is-sahha tar-rapport tekniku, l-perit legali qal li ma rrizultax ksur tal-artikoli 60 u/jew 62 tal-Kap. 37 u/jew tal-artikoli 16/17 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi li l-konfiska tal-oggetti mertu tan-noti ta' qbid bin-muri 16/2011 u 17/2011 mhix gustifikata.

L-insenjament gurisprudenzjali f'materja ta' prova peritali, huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhijex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, *il giudizzio dell'arte* kif espress mill-perit tekniku ma ghandhux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Kif inghad minn din il-Qorti, diversament preseduta fis-sentenza taghha tad-29 ta' Settembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina et vs Dione Bartolo et:**

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz.

Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami (“**Grima vs Mamo et noe” –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. (“**Cauchi vs Mercieca” –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; “Saliba vs** tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli” – (“**Bugeja et vs Muscat et” –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Filwaqt li din il-Qorti tabbraccja dawn l-insenjamenti, f’dan il-kuntest, din il-Qorti tqis tassew importanti l-eskussjoni li saret lill-espert tekniku. Filwaqt li kkonferma li qies ix-xhieda kollha migbura fl-atti ghall-fini tal-konsiderazzjonijiet teknici tieghu, rrizulta li dan l-espert qatt ma acceda fuq il-bastimenti in kwistjoni. Dan kien ikun mill-aktar rilevanti peress li, filwaqt li din il-Qorti m’ghandhiex dubju li l-bastiment *Paradise Bay* kien debitament mghammar bil-pajpijiet mehtiega, ladarba *bunkering* kien parti mill-attivitajiet normali mwettqa minnu, min-naha l-ohra ma jistax jinghad b’certezza jekk il-lanca Rosnik kenitx mghammra bil-pajpijiet mehtiega sabiex taghmel l-allegat *bunkering.* Kwindi l-istess espert ma kellux jaghmel il-presunzjoni li ladarba din kienet lanca tas-sajd, din ma kenitx mghammra ghall-*bunkering*, minghajr ma jaghmel il-verifiki opportuni, tenut kont tal-allegazzjonijiet illi saru. Tant hu hekk li l-istess espert ma eskludiex il-possibilità li kien ir-Rosnik li kien qieghed jitfa fil-*Paradise Bay* u mhux vice versa (fol. 478 tal-process). Inoltre l-espert telaq mill-premessa li l-*bunkering* kellu jsir skont certu regolamenti u normi ta’ sigurta, izda mistoqsi direttament minn din il-Qorti jeskludix li setghet saret din l-operazzjoni, **huwa wiegeb li ma setghax jeskludi l-*bunkering* bhala haga impossibbli li saret.**

Din l-istqarrija tal-espert hija ripetuta lejn l-ahhar tal-eskussjoni (seduta 6 ta’ Lulju, 2017 a fol. 468 tal-process) tieghu meta minkejja li kien hemm waqtiet li s-sinjal trasmess mir-Rosnik minn fuq l-*Automatic Identification System (AIS)* intilef, minhabba dak li t-teknici jsejjhu “*dead reckoning”* [2] li wassal ghal kuntrast bejn dak li titrasmetti

[2] ara Dok. KG - Relazzjoni teknika a fol. 409 et *seq*. tal-process, kif ukoll Dok. AS24 a fol. 271 tal-process konsistenti fix-xhieda tal-espert tekniku Antoine Grima, mqabbad mill-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri kriminali u r-rapport tieghu li fir-rigward tad-distanza bejn iz-zewg

dik is-sistema, komparat ma' dak li hija s-sistema ta' *Radar Tracking* bis-sistema tal-VTS, huwa xorta ma hassux kunfidenti li jeskludi li seta' sar *bunkering* bejn iz-zewg bastimenti.

Izda l-aktar kumment tal-espert tekniku in eskussjoni li hasseb lil din il-Qorti huwa meta dan stqarr illi l-provi teknici kkonfermaw li z-zewg bastimenti kienu qrib xulxin, izda ma tressqet ebda prova dwar kemm kienu ezattament qrib xulxin u jekk kenux qrib bizzejjed sabiex isir *bunkering,* **dan ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju**! Dan ifisser li l-kejl adoperat mill-espert ma kienx dak adoperat fil-kamp civili, izda dak adoperat fil-kamp kriminali. Din il-Qorti fliet ix-xhieda moghtija mid-diversi persuni mressqa mill-kontendenti fil-kawza, dwar id-distanza effettiva bejn iz-zewg bastimenti li huma ghal kwantu konfliggenti[3], senjatament jekk mill-VTS recordings jistghax jinghad jekk iz-zewg bastimenti kenux biswit xulxin jew kienx hemm distanza bejniethom. Inoltre, meta din il-Qorti kompliet tistaqsi lill-espert din id-darba mhux jekk jeskludix li seta' sar *bunkering,* izda jekk fuq bazi ta' probabilita, kenux qrib xulxin tant li setgha sar il-*bunkering,* ir-risposta tieghu kienet fil-posittiv (ara xhieda in eskussjoni ta' Kurt Gutteridge tad-19 ta' Lulju, 2017, a fol. 481 tal-process).

Min-naha l-ohra mill-eskussjoni tal-espert tekniku li saret da parti tar-rikorrenti, jirrizulta wkoll ippruvat, li mil-logs u r-records dwar l-ammont ta' fuel prezenti fuq il-bastiment *Paradise Bay* li kienu mressqa da parti tas-sidien tal-istess bastiment, li l-fuel li kien hemm fl-istess *Paradise Bay* kien jikkombacja perfettament mal-logs tal-bastiment, kif ukoll mir-rapporti jew surveys maghmula minn Saybolt, u kwindi l-possibilita li sar dan il-*bunkering* hija remota hafna. Ix-xhud jishaq li mic-cifriipprezentati, ma sehh ebda *bunkering* bejn iz-zewg vapuri. Dana jinghad minnu peress li d-dokumenti esebiti mis-sidien tal-bastiment *Paradise Bay,* fl-atti tal-proceduri 307/2011, li wkoll qeghdin jigu decizi llum, jikkonfermaw li l-*gas oil* fuq l-istess *Paradise Bay* la zdied u lanqas naqas b'mod klandestin fil-gurnata in kwistjoni. Din il-prova ma giet kontrastata bl-ebda mod. Madankollu l-istess espert fin-nuqqas ta' prova da parti tas-sidien tal-lanca Rosnik ma setghax jeskludi li seta' sar trasferiment klandestin ta' *gas oil* f'dan il-kaz.

---

bastimenti wkoll ma kkomettiex ruhu u qal: "*They could be touching and they could be a few metres away".*

[3] Emmanuel Sammut fl-affidavit tieghu fil-process 307/2011, isostni li mill-VTS kien jidher li iz-zewg bastimenti kienu trakkati ma' xulxin, kif ukoll is-Staff Sgt Major David Cioffi in rapprezentanza tal-Forzi Armati, li fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, esebita bhala Dok. AS16 a fol. 238 tal-process 180/2011 jghid li fuq l-AIS ra z-zewg bastimenti "*superimposed*", li fil-fehma tieghu kien ifisser li dawn kienu "*alongside each other*". L-istess jinghad minn Anthony Mangion supervisor tal-VTS waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2015, quddiem il-periti appuntati minn din il-Qorti. Filwaqt li x-xhieda tal-Kaptan David Bugeja f'Dok AD10 a fol. 145, l-affidavit ta' Joe Gabriele f'Dok. PD4 a fol. 72 tal-process 307/2011, kif ukoll Dok. AS24 a fol. 271 tal-process konsistenti fix-xhieda tal-espert tekniku Antoine Grima, mqabbad mill-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri kriminali u r-rapport tieghu li fir-rigward tad-distanza bejn iz-zewg bastimenti wkoll ma kkomettiex ruhu u qal: "They could be touching and they could be a few metres away".

Kunsidrat dan kollu, filwaqt li l-espert tekniku fl-eskussjoni rritratta l-posizzjoni tieghu adottata fir-rapport redatt minnu, in kwantu l-vicinanza taz-zewg vapuri kienet indikattiva li seta' sar il-*bunkering* bejn iz-zewg bastimenti, min-naha l-ohra baqa' jsostni l-punt elenkat fir-rapport tieghu, cioe li:

e) Dokumentazzjoni ufficjali tal-Paradise Bay sostnut mill-verifiki indipendenti tal-bunker surveys ta' Saybolt ma jurux diskrepanzi jew movement fil-kariku ta' Gasoil ekwivalenti jew li jispjegaw trasferiment ta' 108,000 litru allegat.

Hekk ukoll fil-kaz tal-analizi tal-*gas oil* minn fuq iz-zewg bastimenti, l-fatt li dawn kienu kwazi identici, seta' kien kemm ghar-raguni li dan kien gej minghand l-istess *supplier,* kif ukoll peress li sehh il-*bunkering* bejn iz-zewg vapuri, kwindi lanqas f'dan il-kaz ma jista' jinghad li l-espert tekniku wasal ghal xi konkluzjoni certa. L-istess espert in eskussjoni u fuq domanda diretta mill-Qorti, kkonferma li ma gew ipprezentati ebda fatturi jew ircevuti da parti tar-rikorrenti fir-rigward tal-*gas oil* li nstab fuq ir-Rosnik (ara xhieda in eskussjoni tad-19 ta' Lulju, 2017, a fol. 477 tal-process).

In tema legali, dwar kunflitt ta' provi fil-kaz **Emanuel Ciantar v. David Curmi noe,** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2003, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, fid-19 ta' Gunju 2006, kien precizat: Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);

Tabilhaqq din il-Qorti taqbel mal-intimat illi meta wiehed jikkonsidra li s-*sea trial* tar-Rosnik sehhet f'zona ta' *bunkering*, meta din l-arja ta' *bunkering* tirrizulta mic-*charts* tan-navigazzjoni u li wiehed ghandu jevita li jinnaviga minn go *bunkering area,* kif ukoll kunsidrat il-fatt li l-lanca Rosnik qattghet sitta u hamsin minuta f'din il-*bunkering area* tqanqal suspett ragonevoli. Dan meta wiehed iqis ukoll li *sea trials* normalment isiru f'bahar apert u r-rikorrenti ma taw ebda raguni l-ghala il-lanca taghhom spiccat f'din l-arja, ghajr li l-kaptan kien qieghed ifittex post ghall-kenn sakemm jaghmlu *sea trial*. Izda dan fih

innifsu mhux prova li sehh il-*bunkering* bejn *Paradise Bay u Rosnik.* Ir-rikorrent Anthony Debono li kien fuq il-lanca Rosnik dakinhar jghid li ma kienx jaf min ha d-decizjoni li s-*sea trial* issehh f'dik iz-zona 4, jghid li probabbli kien il-Kaptan, peress li huwa kien qieghed isfel jaghmel is-setting tal-*autopilot,* u dan fuq l-istruzzjonijiet tat-tekniku Kurt Casapinta. Min-naha l-ohra, ma tressqux bhala xhieda da parti tar-rikorrenti l-kaptan Egizzjan jew it-tekniku Kurt Casapinta sabiex jikkorroboraw il-versjoni tar-rikorrenti, specjalment fir-rigward tal-problemi teknici li allegatament kellha r-Rosnik.

Izda din il-Qorti wara li kkunsidrat l-kumpless tal-provi kollha in atti, partikolarment ir-records dettaljati ta' *Paradise Bay* dwar il-moviment tal-fuel taghha, li ma jsostnux it-tezi tal-intimat dwar il-moviment ta' ammont sostanzjali ta' 108,000 litru *gas oil* sdazjat li nstab fuq ir-Rosnik, u aktar minn hekk, il-fatt li dan jinsab ikkonfermat minn survey indipendenti tad-ditta Saybolt (liema ditta intuzat ukoll mill-istess intimat ghall-analizi tal-kampjuni), kif ukoll il-fatt li fil-fehma tal-espert tekniku, ma kienx hemm bizzejjed hin li fih iz-zewg bastimenti kienu qrib xulxin, sabiex isehh il-*bunkering* allegat mill-intimat, ma tqisx li jezistu l-provi mehtiega, li jippruvaw li fuq bazi ta' probabbilta, sehh il-*bunkering* bejn iz-zewg bastimenti.

Madankollu lil hinn mir-rapport tekniku li kkoncentra fuq il-kwistjoni tal-*bunkering*, jidher li l-perit legali naqas milli jikkonsidra punt ritenut importanti minn din il-Qorti, cioe li apparti mill-kwistjoni tal-*bunkering,* huwa fatt li r-Rosnik inqabdet fil-pussess tal-ammont ta' 108,000 litru *gas oil* sdazjat li hija ma gabet ebda prova dwar il-provenjenza tieghu. Huwa opportun li f'dan l-istadju jigi mfakkar illi l-proceduri in ezami gew skattati permezz tan-noti ta' qbid, li fihom hemm elenkati l-provvedimenti tal-ligi li a bazi taghhom saret il-konfiska.

Fis-sentenza tat-12 ta` Marzu, 2013, din il-Qorti kif preseduta, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Mangion et v. Il-Kontrollur Tad-Dwana,** ghamlet riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza **Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana** fid-29 ta' Jannar 2010, fejn inghad:

Dak li trid tara l-Qorti f`dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbili u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu lura l-hwejjeg hekk ikkonfiskati." Inoltre fl-imsemmija sentenza nsibu li "Id-dmir tal-Qorti f`dawn ic-cirkostanzi **hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota` ta` Qbid mahruga mill-intimat, izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat.**

Jibqa' l-fatt li sabiex persuna tkun intitolata li tkun fil-pussess ta' *gas oil* li fuqu ma thallas dazju ta' Sisa jehtieg li ggib l-awtorizzazzjoni mehtiega mid-Dipartiment tad-Dwana, prova li f'dan il-kaz, baqghet

ma tressqitx. Kif jirrizulta mix-xhieda ta' Albert Scerri (Dok. AD a fol. 100 et *seq*. tal-process) ghalkemm mhux ipprojbit illi r-rikorrenti jaghmel transazzjonijiet tax-xiri u skambju ta' fuel fl-ibhra internazzjonali, jibqa' l-obbligu taghhom taht il-Kap. 37, li jiddikjaraw dan il-fuel mad-dwana hekk kif jidhlu lura Malta, peress li dan jikkostitwixxi mportazzjoni. Hekk ukoll lanqas ma tressqet prova li dak il-fuel li kien qieghed jingarr, kien b'xi mod ezentat mid-Direttur tas-Sajd jew mid-Direttur tad-Dwana. Anzi mill-provi jirrizulta li l-procedura adottata kienet li ladarba jinxtara u jigi importat fuel minn barra, dan ghandu jigi ddikjarat mad-Dwana ta' Malta, jigu kkalkolati d-dazju u Vat u wara li jithallsu, jekk jirrizulta ppruvat li l-fuel intuza ghal skopijiet kummercjali, kif tipprovdi l-istess ligi, tkun tista' tintalab rifuzjoni shiha jew parzjali, skont il-kaz (Dok. AS a fol. 108 et *seq*. tal-process). Fil-kaz in ezami ma tressqet ebda prova da parti tar-rikorrenti f'dan is-sens u kien jinkombi lir-rikorrenti li jressqu tali prova.

F'dan il-kuntest, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 t'Ottubru, 2005, fl-ismijiet **Francis Xuereb pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana** fejn fir-rigward jinghad**:**

L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura….. Skond principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jagrava dejjem fuq l-attur jew f' dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni ta' l-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll ta' l-esigenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piz jaqa' fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova ta' l-ezistenza ta' dak il-fatt. … Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib 'il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b'konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jibqa' l-fatt li r-rikorrenti sidien tal-lanca Rosnik, fil-11 ta' Jannar 2011, kienu fil-pussess ta' 108,000 litru fuel sdazjat, u ma jirrizultax li ressqu l-provi li kellhom permess jew li nghataw xi ezenzjoni specifika ghall-istess fuel sdazjat, da parti tad-Dipartiment tas-Sajd, jew da parti tad-Dwana. Ma ressqux prova li ddikjaraw l-ammont ta' *gasoil* sdazjat li eventwalment instab abbord il-lanca Rosnik, kif lanqas ma tressqet ebda prova dwar l-origini tieghu, jew li hallsu d-dazju dovut fuq l-istess *gas oil*.

Din il-Qorti tqis li huwa validu wkoll il-fatt li minkejja li l-lanca Rosnik kienet allegatament qeghda tintuza ghal skopijiet ta' sajd u bhala tali kienet tgawdi minn allokazzjoni jew kwota ta` ammont sostanzjali ta' *gasoil* sdazjat, mad-Dipartiment tas-Sajd. Huwa ferm sinifikattiv illi minkejja li r-rikorrenti kienu eligibbli ghal beneficcju ta' ammont ta` *gasoil* sdazjat biex jintuza fit-thaddim tal-lanca, dawn applikaw ghal tali beneficcju darba biss u dawn ma regghux applikaw ghal tali allokazzjoni.

Inoltre r-rikorrenti jistriehu immensament fuq il-prova mressqa mis-sidien tal-bastiment *Paradise Bay* fl-atti tal-proceduri 307/2011, li wkoll qeghdin jigu decizi llum, fis-sens li l-*logs* tal-bastiment u surveys indipendenti jikkonfermaw li l-*gas oil* fuq l-istess *Paradise Bay* la zdied u lanqas naqas b'mod klandestin fil-11 ta' Jannar, 2011, bhala l-prova kardinali li ma sehhx kuntrabandu tal-*gas oil*. Izda bir-rispett kollu, din il-prova se mai hija utli ghas-sidien tal-bastiment *Paradise Bay*, peress li xorta ma taghti ebda risposta ghall-kwistjoni tal-origini tal-*gas oil* sdazjat li nstab fil-lanca taghhom Rosnik u dwar il-hlas ta' dazju dovut lill-intimat fir-rigward, kif lanqas ma toffri ebda suffragju ghan-nuqqasijiet riskontrati da parti tar-rikorrenti fil-konfront tal-provvedimenti tal-ligi tad-dwana. Kuntrarjament ghall-prova mressqa da parti tas-sidien ta' *Paradise Bay,* ma tressaq ebda *log book, survey*, ircevuta jew rendikont iehor da parti tar-rikorrenti sabiex jispjegaw l-origini ta' 108,000 litru *gas oil* li kien hemm abbord ir-Rosnik.

F'dan il-kaz in-nota ta' qbid 17/2010, da parti tal-intimat inharget a bazi tal-artikolu 17 (1)(a), (b) u (d) u (2) tal-Kap. 382, kif ukoll a bazi tal-artikolu 60(a), (c), (d), (e), (h) u (k) tal-Kap. 37 li jitrattaw il-konfiska ta' oggetti ta' kuntrabandu kif ukoll l-artikolu 62(a), (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i), (k) tal-Kap. 37, filwaqt li dik li ggib referenza 16/2011 inharget a tenur tal-artikolu 17(2) tal-Kap. 382. Ladarba jirrizulta lil din il-Qorti li l-lanca Rosnik **intuzat ghall-garr u z-zamma ta' fuel li fuqu ma thallasx id-dazju**, kif ukoll l-istess **rikorrenti kienu qeghdin idahhlu l-fuel f'Malta b'evazjoni mill-hlas tad-dazju**, fost is-sanzjonijiet ipprovduti fl-istess artikoli appena citati hija l-konfiska tal-oggett, kif ukoll tal-lanca in kwistjoni, liema konfiska hija mandatorja. Isegwi li l-intimat Kontrollur tad-Dwana ma kellu ebda diskrezzjoni fir-rigward, peress li gialadarba l-*gas oil* iddahhal fuq ir-Rosnik bi ksur (specifikatament bi ksur tal-provvedimenti tal-paragrafu 34 tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda abbinat mal-artikolu 17 tal-Kap. 382) tal-ligijiet tad-dwana, l-intimat kellu s-setgha tal-konfiska. (Ara f'dan is-sens ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francis Xuereb pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana** hawn qabel citata.)

Dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura strettament legali ma sarux da parti tal-perit legali li strah unikament fuq ir-relazzjoni teknika tal-espert. Din il-Qorti tifhem li in kwantu ghall-kwistjoni ta' *bunkering*, il-perit legali strah fuq l-opinjoni tal-espert tekniku, izda meta fir-rapport tieghu kkonkluda li l-oggetti konfiskati permezz tan-noti ta' qbid

kellhom jigu rilaxxati, dan ghamlu minghajr ma kkunsidra debitament l-aspetti legali kollha. Huwa ritenut li l-perit legali ma qiesx il-fatt ewlieni li jirrizulta mill-atti, li r-rikorrenti nqabdu fil-pussess tal-*gas oil* sdazjat minghajr il-permess tal-intimat, minghajr ma ressqu spjegazzjoni dwar il-provenjenza tieghu. Kellha tinghata debita attenzjoni ghan-nuqqas ta' provi li kien jinkombi lir-rikorrenti li jressqu, fid-dawl tal-provvedimenti legali, hekk kif rizultanti min-noti ta' qbid u mhux semplicement fil-kuntest ta' jekk sehhx *bunkering* (ara f'dan is-sens l-eskussjoni tal-perit legali waqt is-seduta tal-24 ta' Lulju, 2017, a fol. 501 *et seq.* tal-process). Fid-dawl tar-rizultanzi tal-provi in atti, jsegwi li l-konkluzjonijiet tal-perit legali mhumiex meqjusa ragonevoli, tenut kont tal-provvedimenti tal-ligi li bihom ir-rikorrenti gew rinfaccati bin-noti ta' qbid, attakkati permezz tal-proceduri odjerni u ghalhekk ikun opportun li din il-Qorti twarrab l-konkluzjoni milhuqa minnu.

Ghalkemm ir-rikorrenti kellhom il-jedd li jikkontestaw in-noti ta' qbid, din il-Qorti xorta trid tapplika l-ligi sostantiva ghall-fatti tal-kaz quddiemha (ara f'dan is-sens ukoll sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta tat-13 ta' Novembru, 2015, fl-ismijiet **Joseph Farrugia vs Kontrollur tad-Dwana**) u ssib li r-rikorrenti ma sehhilhomx jipprovaw li l-intimat hareg in-noti ta' qbid illegalment jew *ultra vires* peress li l-Kontrollur intimat mexa in ottempranza mal-ligi. Konsegwentement ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jippretendu hlas ta' danni ladarba l-intimat mexa skont il-ligi bil-qies li jmiss."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha;

"tħassar is-sentenza appellata moghtija nhar il-15 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet **David Debono u Andrew Debono f'isimhom proprio kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet D.Holding and Investments Limited u D. Shipping Operators Limited vs Direttur Generali (Dwana)** u minflok wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-intimat appellat, tghaddi biex tilqa t-talba/iet kollha tar-rikorrenti appellant migjuba fir-rikors taghhom numeu 180/2011 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

6. Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha;

"tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata tal-15 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet premessi; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

9. Illi ċ-ċirkustanzi u l-fatti li wasslu għal din il-kawża huma esposti b'mod ċar u tajjeb fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti, riprodotta bħala parti minn din is-sentenza. Fil-qosor, il-vapur bl-isem "Rosnik" instab mill-awtoritajiet kompetenti f'*bunkering area* ftit barra mill-kosta ta' Malta bi *fuel* li ma kienx dazjat u li ma kienx eżentat mill-ħlas tad-dazju. Kien hemm suspett li dan il-bastiment kien ħa l-*fuel* minn vapur ieħor "Paradise Bay" peress illi ankraw viċin xulxin. Fil-fatt, ittieħdu proċeduri legali kontra s-sidien taż-żewġ vapuri u dawn is-sidien fetħu proċeduri ċivili għar-rilaxx tal-bastimenti rispettivi tagħhom wara li l-istess bastimenti ġew konfiskati mill-konvenut minħabba ksur tal-liġi. Iż-żewġ kawżi ċivili, din u l-oħra bin-numru 307/11, instemgħu u ġew deċiżi mill-istess Imħallef allura sedenti il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

10. Iż-żewġ kawżi ġew deċiżi fl-istess jum u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illiberat lill-"Paradise Bay" minn kull responsabbilita` peres li ma rriżultax li hi kienet involuta fi proċess ta' *bunkering*. Fir-rigward tal-vapur "Rosnik", avolja ma rriżultax li din ħadet *fuel* mingħand il-vapur l-ieħor, din instabet responsabbli ta' ksur tal-liġi peress illi bħala fatt instab li kellha

abbord 108,000 litru *gasoil* sdazjat. Il-Kontrollur tad-Dwana appella l-każ ta' "Paradise Bay", waqt li sid il-bastiment "Rosnik" appellaw mis-sentenza tal-kawża l-oħra. Il-kawża dwar il-"Paradise Bay" instemgħet ukoll minn din il-Qorti u s-sentenza ngħatat illum ukoll (għal kull *buon fini* jingħad li s-sentenza ta' ħelsien mir-responsabilita` fil-konfront tal-vapur "Paradise Bay" ġiet konfermata).

11. Trattat il-meritu ta' dan il-każ, din il-Qorti tinnota li l-atturi, u f'ċertu sens anke l-ewwel Qorti ħlew ħafna żmien janalizzaw jekk kienx trasferiment ta' *gas oil* mill-vapur "Paradise Bay" għal fuq il-bastiment "Rosnik", u meta dan ma rriżultax , l-atturi donnhom straħu u ħasbu li huma se jkunu liberati. Kif qalet l-ewwel Qorti, pero`, darba li rriżulta li fuq il-bastiment "Rosnik" kien hemm *gas oil* sdazjat, u dan il-vapur ma kellux liċenzja jew permess biex iżomm *fuel* sdazjat, il-konsegwenza hija li l-vapur kellu jwieġeb għal dik l-illegalita`.

12. L-atturi jgħidu li l-*gas oil* akkwistat ġie bi tpartit mingħand sidien ta' vapuri oħra billi partu ż-żejt ma' qabda ħut. Mhux biss ma rriżultawx provi dwar dan, iżda f'kull każ, għalkemm mhux ipprojbit li jsir negozju bħal dan, skont il-liġi, min jakkwista *fuel* b'dan il-mod irid jiddikjarah mad-Dwana hekk kif il-vapur jasal lura Malta, peress li dan jikkostitwixxi importazzjoni. Jista' jiġi nnotat ukoll illi mill-analiżi li sar fuq iż-żejt, hu probabbli li s-sors tiegħu huwa t-tankijiet tal-Enemalta hawn Malta, għalhekk seta` mexa

minn vapur għall-ieħor. Li hu żgur hu li l-bastiment r-"Rosnik" kellu fih mal-108,000 litru *gas oil* sdazjat u l-atturi, li ma kellhomx liċenzja jġorru dan it-tip ta' *fuel,* ma taw ebda spjegazzjoni vijabbli ta' kif dan il-*fuel* wasal għandhom. F'sitwazzjonijiet bħal dawn il-konfiska hija mandatorja; ma rriżultax li l-*gas oil* sdazjat li nstab fuq il-vapur "Rosnik" kien leġittimament fil-pussess tal-atturi u l-konvenut mexa in ottempranza mal-liġi meta ħareġ in-nota ta' qbid in kwistjoni. Kif ingħad, għalkemm il-konvenut ma ressaqx provi konvinċenti li x'aktarx sar trasferiment ta' *gas oil* sdazjat minn fuq il-vapur Paradise Bay għal fuq ir-Rosnik, jibqa' l-fatt li l-bastiment Rosnik kien qiegħed iġorr 108,000 litru ta' *gas oil* sdazjat meta ma kellux il-permess li jġorr dak it-tip ta' fuel. Ir-riżultat ta' tali trasferiment hu ċar, u daqs ieħor hija ċara ċ-ċirkustanza tal-ksur tal-liġi li, allura twassal għall-konfiska.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-atturi appellant *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da